MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 860/2010

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**vs**
**Alfred Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elf sitt mija wiehed u sittin ewro w sitta u sittin centezmu (€1,661.66) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skont *Client Contract Number* 429331 rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notfikat.

Ra li l-konvenut deher ghas-seduta tas-27 ta’ Settembru, u thalla jinkontesta it-talba billi inghata zmien ghar-risposta.

Illi t-Tribunal ikkonceda hmistax-il jum ghar-risposta izda ghas-seduta tal-11 ta’ Ottubru, 2010 il-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta skont il-formola preskritta (*prescribed form*) ghat-Tribunal ghal Talbiet Zghar u ghalhekk t-Tribunal ikkoncedilu zmien iehor ghar-risposta xierqa u skont il-ligi.

Illi fis-seduta tal- 20 ta’ Ottubru, 2010 il-konvenut ammetta t-talba taht gurmanet izda xtaq illi dan il-kont jithallas ratejalment ghaliex id-debitu, ghalkemm jghajjat lilu, kien ta’ ibnu.

It-Tribunal jidhirlu li s-socjeta’ attrici ppruvat il-kaz tagha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------